MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2014

Numru 1047/2014

**SPETTUR ROBERT SAID SARREO**

**VS**

**CHARLIE BRINCAT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Charlie Brincat ta' 33 sena, bin Alfred u Eva nee' Grech, mwieled Pieta' fis- 16 ta' Novembru 1980, residenti 86, Moon, Triq il- Polverista, Bormla u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 68481M;

Talli;

1) Nhar it- 23 ta' Ottubru 2014 bejn 12.00pm u s- 1.00pm minn Triq il- Polverista, Bormla, ikkommetta serq ta' 4 bibien ta' vettura tat-tip Peugeot, numru tar- registrazzjoni DBI 859 li l- valur taghhom jeccedu €232.94 izda mhux aktar minn €2329.40 ghad- detriment ta' Nicolina Portelli, Sean Grech u/jew persuni ohra, liema serqa huwa kkwalifikat bil- valur u bix- xorta tal- haga misruqa;
2) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil- konfront tieghu b' sentenza tal- Qorti tal- Magistrati (Malta), Magistrat Dr M Hayman LL.D., datata 4 ta' Ottubru 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;
3) Aktar talli fl- istess datat, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 271, 28A, 28B, 49 u 50 tal- Kap 9  tal – Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghall- piena ta' sena prigunerija. Tordna d-dhul fis- sehh tas- sentenza sospiza datata 4 ta' Ottubru 2014, fejn l-imputat kien inghata sentenza ta' sena w nofs prigunerija, ghalhekk b'kollox l-imputat ghandu jservi piena ta' sentejn u nofs prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------